

Brussell, 12 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10629/21

COASI 105	COMPET 547
ASIE 30	EDUC 253
CCG 41	RECH 348
TRANS 467	CULT 50
COEST 169	WTO 180
ASEM 9	RELEX 650
ENER 321	OCDE 16
CYBER 211	AVIATION 202
ENV 504	FIN 596
DIGIT 95	FISC 120
CLIMA 183	POLGEN 141
DEVGEN 139	TOUR 63
SUSTDEV 99	MIGR 143
ECOFIN 729	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 12 ta' Lulju 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10234/21

Suġġett: Ewropa Konnessa Globalment
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Lulju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill - Ewropa Konnessa Globalment, kif approvati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill – Ewropa Konnessa Globalment**I. Viżjoni, prinċipji u għanijiet**

1. Il-Kunsill iqis li l-iżgurar ta' approċċ ġeostrateġiku għall-konnettività għandu implikazzjonijiet fit-tul għall-avvanz tal-politika ekonomika, barranija u tal-iżvilupp u l-interessi tas-sigurtà tal-UE u l-promozzjoni tal-valuri tal-UE globalment. Huwa jafferma mill-ġdid iċ-ċentralità tad-drittijiet tal-bniedem u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, li jirfdu l-implimentazzjoni tal-aġenda tal-konnettività tal-UE.
2. Il-Kunsill ifakkar fl-approċċ ibbażat fuq il-prinċipji tal-UE għall-konnettività li huwa sostenibbli (klima u ambjent, soċjali, ekonomiku u fiskali), komprensiv (trasport, enerġija, diġitali u bejn il-persuni) u bbażat fuq ir-regoli (li jiggarrantixxi n-nondiskriminazzjoni u jiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni). Huwa jafferma l-importanza li jsir investiment kemm fl-oqfsa regolatorji kif ukoll fl-infrastruttura fiżika. Il-Kunsill jilqa' bis-sħiħ il-fatt li l-konnettività ġiet identifikata bħala komponent ewlieni f'diversi strateġiji reġjonali¹ tal-UE u jinnota li l-UE tapplika l-prinċipji bażiċi stabbiliti fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-2018 "Konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja - Elementi fundamentali għal Strateġija tal-UE" flivell globali.

¹ Kooperazzjoni Msaħħa tal-UE fis-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja - Konklużjonijiet tal-Kunsill (2018); il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Relazzjonijiet tal-UE mal-Amerka Latina u l-Karibew "Nagħqdu l-isforzi tagħna għal futur komuni" tal-2019; Il-Komunikazzjoni Konġunta "L-UE u l-Asja Ċentrali: Opportunitajiet Ġodda għal Sħubija Aktar b'Saħħitha" tal-2019; il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-impenn tal-UE għall-kooperazzjoni reġjonali fil-Baħar l-Iswed" tal-2019; il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Soluzzjonijiet spazjali għal Artiku sostenibbli" tal-2019; il-Komunikazzjoni Konġunta "Lejn Strateġija komprensiva mal-Afrika" tal-2020; il-Komunikazzjoni Konġunta "Il-politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020" tal-2020; il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent tal-2020; il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-2020; il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar "Aġenda Ġdida għall-Mediterran" tal-2021; il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku tal-2021.

3. Il-Kunsill jenfasizza li l-aġenda tal-konnettività tal-UE għandha rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-2019-2024, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew u Ewropa Lesta għall-Era Diġitali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar ukoll fid-Dikjarazzjoni tiegħu dwar il-Portal tad-Data kif ukoll fil-Komunikazzjonijiet Konġunti "Il-Kumpass Diġitali tal-2030", l-Istrateġija Industrijali Aġġornata, ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali, l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, il-Programm Spazjali l-ġdid tal-UE għas-snin 2021 sal-2027, il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid u l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li kollha jikkondividu l-oġettiv ġenerali tal-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tal-Unjoni esternament, inkluż permezz ta' konnettività sostenibbli.
4. Il-Kunsill jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 esponiet ulterjorment l-importanza fundamentali tal-konnettività għat-tkabbir ekonomiku, is-sigurtà u r-reżiljenza. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-konnettività sostenibbli u l-investimenti infrastrutturali ta' kwalità jista' jkollhom effett trasformattiv fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet, b'mod partikolari fil-kuntest tal-irkupru wara l-COVID-19 li jikkontribwixxi għat-twettiq tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi. Huwa jqis li l-implimentazzjoni strateġika tal-aġenda tal-konnettività tal-UE tagħti spinta lill-kompetittività tal-UE, tikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-valur, tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi, inkluż fuq il-materja prima kritika, u tissodisfa l-ħtieġa għal ekosistema diġitali sigura, reżiljenti u ċċentrata fuq il-bniedem.
5. Il-Kunsill jenfasizza l-isfidi tal-finanzjament ta' infrastruttura sostenibbli fuq skala kbira u l-importanza ta' assistenza teknika robusta. Huwa jqis li normi u standards internazzjonali prevedibbli u oqfsa regolatorji sodi huma essenzjali għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u ambjent li jwassal għall-inċentivar tal-investiment privat. Il-Kunsill jinnota li ekonomiji ewlenin oħra żviluppaw l-approċċi u l-għodod tagħhom għall-konnettività u jissottolinja l-ħtieġa li l-inizjattivi u l-azzjonijiet kollha bħal dawn japplikaw standards internazzjonali għoljin. Il-Kunsill iqis il-Prinċipji tal-G20 għall-Investiment fl-Infrastruttura ta' Kwalità (Prinċipji QII tal-G20) u l-Linji Gwida Operazzjonali tal-G20 għall-Finanzjament Sostenibbli bħala l-linja bażi, bil-ħtieġa għal aktar ambizzjoni.

6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-Sħubijiet ta' Konnettività li għandhom jippromwovu, f'kooperazzjoni sħiħa mal-benefiċjarji, il-kompatibbiltà tal-approċċi ta' politika u l-komplementarjetà fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-finanzjament ta' proġetti sostenibbli. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex joperazzjonalizzaw bis-sħiħ is-sħubijiet tal-UE mal-Ġappun (Settembru 2019) u l-Indja (Mejju 2021), u biex jaħdmu favur Sħubija ta' Konnettività mal-ASEAN, f'perijodu ta' żmien adatt, abbażi tad-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta UE-ASEAN dwar il-Konnettività (Diċembru 2020). Huwa jappella għall-istabbiliment ta' aktar sħubijiet u kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni tal-istess fehma, b'mod partikolari l-Istati Uniti. Il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll kooperazzjoni mill-qrib fil-fora multilaterali rilevanti, inkluż l-attivitajiet tal-G20 dwar l-Infrastruttura ta' Kwalità u l-G7. Huwa jilqa' b'mod partikolari d-diskussjonijiet tal-G7 biex jerġġu jinbnew strumenti globali ta' finanzjament għall-iżvilupp orjentati lejn il-firxa ta' sfidi ffaċċjati minn ħafna pajjiżi.

II. Implimentazzjoni

7. Bi tweġiba għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jimplimentaw l-aġenda tal-konnettività tal-UE b'mod strateġiku fl-inizjattivi u l-azzjonijiet tagħha globalment, u biex jibdew jaħdmu fuq komunikazzjoni konġunta dwar strateġija tal-konnettività globali tal-UE bil-ħsieb tal-preżentazzjoni tagħha sa mhux aktar tard mir-rebbiegħa tal-2022.
8. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jaħdmu favur dan l-għan permezz tal-mezzi adatti kollha, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tan-negozju, finanzjarji u tal-iżvilupp tagħhom (u l-parteciġazzjoni tagħhom fil-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp rispettivi), kif ukoll mal-BEI, il-BERŻ, l-MDBs l-oħrajn u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti oħra, u jikkunsidraw id-dimensjoni strateġika tal-konnettività sostenibbli fid-diskussjoni dwar l-Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp.

9. B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jieħdu l-passi li ġejjin:
- i) Jidentifikaw u jimplimentaw sett ta' proġetti u azzjonijiet b'impatt għoli u viżibbli globalment, preferibbilment sa tmiem l-ewwel trimestru tal-2022, inkluż permezz ta':
 - it-tisħiħ tal-kooperazzjoni politika u regulatorja mas-sħab internazzjonali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' għodod multilaterali (b'mod partikolari l-PIMA tal-FMI u l-PFRAM tal-FMI/Bank Dinji) u t-tixrid ta' pjattaformi multilaterali (bħal SOURCE) għat-tħejjija ta' proġetti bħala parti mill-bini ta' kapaċità sistemika lejn infrastruttura ta' kwalità;
 - l-immappjar u l-preżentazzjoni ta' inizjattivi u proġetti ta' konnettività li qed jiġu implimentati mill-adozzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-2018;
 - it-tressiq ta' proġetti strateġiċi ġodda ta' konnettività fil-proċess ta' programmazzjoni għall-QFP 2021-2027 (inkluż l-IPA III, l-istrument NDICI-Ewropa Globali u b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna) abbażi tal-prijoritajiet identifikati u maqbula mal-pajjiżi u r-reġjuni sħab, li jikkomplementaw l-investiment u l-finanzjament privat;
 - ii) Jippreżentaw skemi ta' finanzjament koerenti u simplifikati biex jinċentivaw investimenti ta' konnettività sostenibbli, f'konformità mal-Artikolu 2.1 c tal-Ftehim ta' Pariġi, abbażi tal-akkomunament tar-riżorsi pubbliċi u privati f'approċċ ta' Tim Ewropa. Dan għandu jinkludi:
 - l-immappjar tal-istrumenti finanzjarji rilevanti diġà disponibbli, inkluż dawk tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri;
 - l-avvanz tal-ħidma fuq il-finanzjament sostenibbli u l-krediti għall-esportazzjoni;
 - l-użu ta' għodod ta' finanzjament pubbliku, bħal self u garanziji, biex jinġabar kapital privat u jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' proġetti bankabbli;

- l-iffaċilitar ta' mudelli ta' finanzjament konġunt, għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn investituri privati, istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u internazzjonali (bħall-BEI u l-BERŻ), banek privati u ta' żvilupp nazzjonali u aġenzji ta' kreditu għall-esportazzjoni;
- iii) Jimmobilizzaw is-settur privat biex jiffinanzja u jimplimenta proġetti, inkluż permezz ta':
- it-tnejja tal-Grupp Konsultattiv tan-Negozju bħala pjattaforma effettiva ta' konsultazzjoni u koordinazzjoni għall-atturi rilevanti kollha fil-livell tal-UE, kif previst fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-2018, (mingħajr preġudizzju għall-organizzazzjonijiet eżistenti ta' appoġġ għan-negozju bħall-kmamar tal-kummerċ);
 - l-għoti ta' informazzjoni dettaljata għan-negozji tal-UE dwar proġetti ta' konnettività tal-UE, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet nazzjonali għall-promozzjoni tal-kummerċ, u l-ħolqien ta' kondizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-proġetti li jwasslu għall-partekipazzjoni tan-negozji tal-UE u konsorzji kummerċjali pan-Ewropej;
 - il-promozzjoni ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, aċċess ġust għas-swieq u l-akkwist pubbliku kif ukoll opportunitajiet ta' investiment dirett barrani għas-settur privat tal-UE f'pajjiżi terzi;
- iv) Jiżguraw l-viżibbiltà tal-azzjonijiet ta' konnettività globali tal-UE permezz ta' komunikazzjoni strateġika koerenti f'approċċ ta' Tim Ewropa, inkluż billi:
- jżviluppaw narrattiva li tgħaqqad għall-azzjonijiet meħuda mill-atturi rilevanti kollha. In-narrattiva għandha tinkludi marka kummerċjali u logo rikonoxxibbli żviluppati flimkien mal-Istati Membri u għandha tkun appoġġata minn kampanja għal viżibbiltà pubblika akbar, inkluż, fejn rilevanti, f'istituzzjonijiet u fora internazzjonali;
 - jospitaw edizzjonijiet regolari tal-Forum Europa dwar il-Konnettività;

- v) Jizzguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni effiċjenti bejn il-partijiet ikkonċernati kollha, appoġġati fl-ogħla livell istituzzjonali, biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u rapida tal-aġenda tal-konnettività tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi rilevanti f'dan ir-rigward, inkluż mal-Istati Membri bħala Tim Ewropa.
- vi) Iżżommu lill-Kunsill involut mill-qrib fuq bażi regolari permezz ta' strutturi rilevanti.
10. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jipproċedu malajr bl-implimentazzjoni tal-passi msemmija hawn fuq. Abbażi tar-rappurtar annwali, il-Kunsill ser jerġa' lura għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-aġenda tal-konnettività tal-UE fuq bażi regolari fil-korpi rilevanti tal-Kunsill.
-